Nru. 17,454
Prezz 64c
Price 64c

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 8 ta' Awissu, 2003
Friday, 8th August, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 694**

### NOMINA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (XOGĦLIJIET)

IL-PRIM Ministru approva n-nomina temporanja li ġejja:

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIVIŻJONI<br>*DIVISION* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Paul Mifsud | Direttur Ġenerali<br>*Director General* | Xogħlijiet<br>*Works* | 30.6.2003 |

It-8 ta' Awissu, 2003

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 694**

### APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (WORKS)

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:

8th August, 2003

**Nru. 695**

### MINISTERU TAL-FINANZI U L-AFFARIJIET EKONOMIĊI

### Ħatra tal-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni Maltija għall-Iżvilupp

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bis-Sub-Artikolu (3) u (4) ta' l-Artikolu 4, (Kapitolu 202) ta' l-Att dwar il-Korporazzjoni Maltija għall-Iżvilupp, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi ħatar, b'seħħ mill-1 ta' Awissu, 2003, il-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni Maltija għall-Iżvilupp kif ġej:

*Chairman*
Is-Sur Joseph Zammit Tabona

*Deputat Chairman*
Is-Sur George Borg

**No. 695**

### MINISTRY OF FINANCE AND ECONOMIC AFFAIRS

### Appointment of the Board of Directors of the Malta Development Corporation

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Sub-Article (3) and (4) of Article 4, (Cap. 202) of the Malta Development Corporation Act, the Minister of Finance and Economic Affairs has appointed with effect from the 1st of August 2003, the board of Directors of the Malta Development Corporation Board as follows:

*Chairman*
Mr Joseph Zammit Tabona

*Deputy Chairman*
Mr George Borg

*Diretturi*
Il-Prof. Joseph Bannister
Is-Sur David Newman
Is-Sur John Magro
Ms Yvonne Pulis
Is-Sur Vince Farrugia
Is-Sur Reginald Fava
Is-Sur Anton Borg
Is-Sur Paul Zahra

Il-5 ta' Awissu, 2003

*Directors*
Prof. Joseph Bannister
Mr David Newman
Mr John Magro
Ms Yvonne Pulis
Mr Vince Farrugia
Mr Reginald Fava
Mr Anton Borg
Mr Paul Zahra

5th August, 2003

**Nru. 696**

**MINISTERU TAL-FINANZI U L-AFFARIJIET EKONOMIĊI**

**Ħatra tal-Membri tal-Bord ta' l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta Nru. XXIV ta' l-2000, Kap. 422, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi ħatar, sat-28 ta' Frar 2005, il-Membri tal-Bord ta' l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta kif ġej:

Is-Sur Alfred Camilleri
Is-Sur Benny Borg Bonello
Is-Sur Emanuel P. Delia
Is-Sur Alfred Demarco
Il-Prof. Joseph Falzon
Is-Sinjura Moira Catania
Il-Prof. Edward Zammit

Il-5 ta' Awissu, 2003

**No. 696**

**MINISTRY OF FINANCE AND ECONOMIC AFFAIRS**

**Appointment of the Members of the Malta Statistics Authority Board**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 5 of the Malta Statistics Authority Act No. XXIV of 2000, Cap. 422, the Minister of Finance and Economic Affairs has appointed, up to the 28th of February 2005, the Members of the Malta Statistics Authority Board as follows:

Mr Alfred Camilleri
Mr Benny Borg Bonello
Mr Emanuel P. Delia
Mr Alfred Demarco
Prof. Joseph Falzon
Mrs Moira Catania
Prof. Edward Zammit

5th August, 2003

**Nru. 697**

**MINISTERU TAL-FINANZI U L-AFFARIJIET EKONOMIĊI**

**Ħatra ta' *Chairman* tal-Bord ta' l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta Nru. XXIV ta' l-2000, Kap. 422, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi ħatar lis-Sur Reno Camilleri bħala *Chairman* tal-Bord ta' l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta sat-28 ta' Frar 2006.

Il-5 ta' Awissu, 2003

**No. 697**

**MINISTRY OF FINANCE AND ECONOMIC AFFAIRS**

**Appointment of Chairman of the Malta Statistics Authority Board**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Article 5 of the Malta Statistics Authority Act No. XXIV of 2000, Cap. 422, the Minister of Finance and Economic Affairs has appointed Mr Reno Camilleri as Chairman of the Malta Statistics Authority Board up to the 28th February 2006.

5th August, 2003

**Nru. 698**

**KUMITAT GĦALL-ISMIJIET TAT-TOROQ**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Malta ġie rikostitwit kif ġej:

*Chairman*
Dott. Vincent Depasquale

*Membri*
Is-Sur Stephen Mifsud
Is-Sur Winston Zammit
Is-Sur Joe Felice Pace
Is-Sur Joe Quattromani
Is-Sur Anton Morana
Is-Sur Joseph Sciberras
Is-Sur Joe Scicluna
Ms Rose Marie Borg Olivier De Puget
Is-Sur Lino Galea

*Membru/Segretarju*
Is-Sur George Vella

It-8 ta' Awissu, 2003

**No. 698**

**STREET NAMING COMMITTEE**

IT is notified for general information that the Streets Naming Committee for Malta has been reconstituted as follows:

*Chairman*
Dr Vincent Depasquale

*Members*
Mr Stephen Mifsud
Mr Winston Zammit
Mr Joe Felice Pace
Mr Joe Quattromani
Mr Anton Morana
Mr Joseph Sciberras
Mr Joe Scicluna
Ms Rose Marie Borg Olivier De Puget
Mr Lino Galea

*Member/Secretary*
Mr George Vella

8th August, 2003

**Nru. 699**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (REĠISTRU TA' L-ARTIJIET)**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Dr Adrian Dingli | Aġent Direttur Reġistru ta' l-Artijiet<br>*Acting Director Land Registry* | Reġistru ta' l-Artijiet<br>*Land Registry* | 13-29.8.2003 |

It-8 ta' Awissu, 2003

**No. 699**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (LAND REGISTRY)**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Dr Adrian Dingli | Aġent Direttur Reġistru ta' l-Artijiet<br>*Acting Director Land Registry* | Reġistru ta' l-Artijiet<br>*Land Registry* | 13-29.8.2003 |

8th August, 2003

**Nru. 700**

**ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (UFFIĊĊJU KONĠUNT)**

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Rosario Galea | Aġent Direttur Uffiċċju Konġunt<br>*Acting Director Joint Office* | Uffiċċju Konġunt<br>*Joint Office* | 11-22.8.2003 |

It-8 ta' Awissu, 2003

**No. 700**

**APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (JOINT OFFICE)**

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

| ISEM<br>*NAME* | POST<br>*POST* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Mr Rosario Galea | Aġent Direttur Uffiċċju Konġunt<br>*Acting Director Joint Office* | Uffiċċju Konġunt<br>*Joint Office* | 11-22.8.2003 |

8th August, 2003

**Nru. 701**

**ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSJUNARJI B'SETGĦA LI JAGĦTU ĠURAMENT**

**(Kap. 79)**

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġurament, l-Avukat Ġenerali nnomina lin-Nutar Stephen Staines ta' 4, Angelo Mansions, Triq Ġużè Howard, Sliema, lin-Nutar Patrizia Mallia ta' 53, Erpina, Triq il-Gladjoli, San Ġwann, lin-Nutar Maria Eugenia Buttigieg ta' Arżnell, Triq Santa Katerina, iż-Żejtun, lin-Nutar Maria Briffa ta' 18, Clivia, Triq G Grech Delicata, Ta' Paris, Birkirkara, lin-Nutar Clinton J Bellizzi ta' Door A7, Triq il-Fran, Valletta, lin-Nutar Sarah Ann Agius ta' 46, Amadis, Triq Ċensu Busuttil, l-Iklin, lin-Nutar Ian Castaldi Paris ta' 28, Baden, Triq tal-Mielaħ, il-Madliena, lin-Nutar Andrè Farrugia ta' Il-Palma, Triq Carlo Flamingo, Tal-Virtù, ir-Rabat, lin-Nutar Omar Caruana ta' 10, Triq Manwel Buhagiar, Ħal Tarxien, lin-Nutar Sandra Bugeja ta' Olive Grove, Triq San Pawl, iż-Żurrieq, lin-Nutar Francoise Abela Delicata ta' 169, Le Chanson, Triq San'Anard, Ħal Tarxien, lin-Nutar Roberta Victoria Calleja ta' 27, Flat 6, Triq Ġużè Howard, Tas-Sliema, lin-Nutar Glorienne Portelli ta' 9, Triq Feliċ, Ħaż-Żabbar, lin-Nutar Malcolm Licari ta' 21, Pjazza Sir Luigi Preziosi, il-Furjana, lin-Nutar Marilena Cristina ta' 6, Cristina, Triq is-Sidra, is-Swieqi, lin-Nutar Elsa Maria Cardona ta' 144, Triq Fleur De Lys, Birkirkara, lin-Nutar Sharon Ann Dos Santos De Castro ta' Falcon, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, l-Imqabba, lin-Nutar Charmaine Debono ta' Elena, Triq Napuljun, iż-Żurrieq, u lin-Nutar Michelina Tabone ta' 2, Misraħ Gregorio Bonnici, iż-Żejtun, sabiex ikunu Kummissjunarji b'Setgħa li jagħtu Ġuramenti.

It-8 ta' Awissu, 2003

**No. 701**

**COMMISSIONERS FOR OATHS ORDINANCE**

**(Cap. 79)**

IT is hereby notified that in virtue of subsection (4) of section 3 of the Commissioners for Oaths Ordinance, the Attorney General has nominated Notary Stephen Staines of 4, Angelo Mansions, Triq Ġużè Howard, Sliema, Notary Patrizia Mallia of 53, Erpina, Triq il-Gladjoli, San Ġwann, Notary Maria Eugenia Buttigieg of Arżnell, Triq Santa Katerina, Żejtun, Notary Maria Briffa of 18, Clivia, Triq G Grech Delicata, Ta' Paris, Birkirkara, Notary Clinton J. Bellizzi of Door A7, Triq il-Fran, Valletta, Notary Sarah Ann Agius of 46, Amadis, Triq Ċensu Busuttil, Iklin, Notary Ian Castaldi Paris of 28, Baden, Triq tal-Mielaħ, Madliena, Notary Andrè Farrugia of Il-Palma, Triq Carlo Flamingo, Tal-Virtù, Rabat, Notary Omar Caruana of 10, Triq Manwel Buhagiar, Tarxien, Notary Sandra Bugeja of Olive Grove, Triq San Pawl, Żurrieq, Notary Francoise Abela Delicata of 169, Le Chanson, Triq San'Anard, Tarxien, Notary Roberta Victoria Calleja of 27, Flat 6, Triq Ġużè Howard, Sliema, Notary Glorienne Portelli of 9, Triq Feliċ, Żabbar, Notary Malcolm Licari of 21, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana, Notary Marilena Cristina of 6, Cristina, Triq is-Sidra, Swieqi, Notary Elsa Maria Cardona of 144, Triq Fleur De Lys, Birkirkara, Notary Sharon Ann Dos Santos De Castro of Falcon, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba, Notary Charmaine Debono of Elena, Triq Napuljun, Żurrieq and Notary Michelina Tabone of 2, Misraħ Gregorio Bonnici, Żejtun, to be Commissioners for Oaths.

8th August, 2003

**Nru. 702**

**AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)**

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

**No. 702**

**NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)**

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
*Application for licence of Local Wardens*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta ta' l-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Shirley Debono | 218278 (M) | 77, "Redeemer", Triq il-Lunzjata, Santa Venera |

| | | |
|---|---|---|
| Emanuel Manicaro | 531382 (M) | 153, "Maria Annunziata", Triq Santa Marija, Tarxien |
| Andrew Spiteri | 447884 (M) | 97, Palm Court, Triq Emanuel Attard, Santa Venera |

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
*Application for licence of a Private Guard*

| Isem u kunjom<br>*Name and Surname* | Nru. tal-Karta ta' l-Identità<br>*Identity Card No.* | Indirizz<br>*Address* |
|---|---|---|
| Raymond Cassar | 300268 (M) | 11, "Acrea", Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk |
| Mark Cremona | 4477 (G) | "Gormar", Triq Wied is-Seqer, Victoria, Għawdex |
| James Azzopardi | 193470 (M) | 85, "Paradise", Triq Bellic, Qormi |
| Jason Bonnici | 251671 (M) | 32, "Lucky Star", Triq l-Imnarja, Birżebbuġa |
| James Gafa | 173578 (M) | "Kaktus", Triq San Ġorġ, Gudja |
| Carmel Caruana | 258778 (M) | 2, "Sam House", Wesgħa Franġisk Buġeja, Żurrieq |
| David Cuschieri | 390177 (M) | 30, "Dachrima", Triq Andre Bogdan, Żebbuġ |
| Adrian Pace | 111984 (M) | 23, Triq Mikelang Sapiano, Mqabba |
| David Azzopardi | 453264 (M) | 16, "Koenigssee", Triq Ċensu Buġeja, Iklin |
| Carmelo Rodo | 393655 (M) | 1, Triq Orlando, Xgħajra, Żabbar |
| Sylvan Pace | 342473 (M) | Omega, Flat 2, Triq Ananija, San Pawl il-Baħar |
| Dominic Galea | 600951 (M) | Flat 4, Emmjoe, Triq il-Foss, Paola |
| Rodney Casha | 115784 (M) | 2, Franklyn, Triq Ninu Cremona, Paola |
| Edmark Mifsud | 514580 (M) | 14, Triq Lourdes, Qrendi |
| Joseph Cini | 48452 (G) | 79, Triq Mater Boni Consilii, Paola |
| Steven Cassar | 124374 (M) | "Sweet Haven", Triq il-Qaliet, Marsascala |
| Albert Farrugia | 425769 (M) | 110, Triq il-Vittorja, Ħamrun |
| John Xuereb | 395953 (M) | "Il Tramonto", Triq id-Dejma, Tarxien |
| Sylvia Mifsud | 825657 (M) | 109, Triq il-Kbira, Qrendi |
| Victor Xerri | 37962 (G) | "Marwanna House", Triq Wied il-Għajn, Żabbar |
| Younes Toto Mustafa Helmy Mohamed | 80396 (M) | St. Bert, Flat 9, Triq Tal-Wej, Mosta |
| Anthony Attard | 922749 (M) | 188G, Flat 7, Triq Sant' Orsla, Valletta |
| Melaine Zahra | 384683 (M) | 15, "Sweety", Triq tal-Għolja, Siġġiewi |

| | | |
|---|---|---|
| Alexandra Falzon | 271163 (M) | 48, "El Shaddai", Triq il-Fieres, Kirkop |
| Mario Sciberras | 683256 (M) | "Sea Shell", Flat 7, Triq ir-Rabat, Marsalforn, Għawdex |
| George Pullicino | 281852 (M) | 64, "Massabielle", Triq Tal-Gurgier, Birżebbuġa |
| Arthur Salerno | 491775 (M) | "Noel", Flat 2, Vjal il-Blue Grotto, Żurrieq |
| Richard Mifsud | 509979 (M) | Blokk E, Flat 3, Qasam tal-Menhir, Kirkop |
| Conrad Schembri | 566883 (M) | Blokk E, Ent. C, Flat 5, Fuq tal-Ħawli, Birgu |
| Simon Attard | 153265 (M) | 44, Triq Ponsomby, Gżira |
| Roderick Borg | 138981 (M) | 7, "Dar ir-Redentur", Triq Ġużeppi Hyzler, Attard |
| Paul Axisa | 45455 (M) | 6, Triq l-Inġiniera, Valletta |
| Jesmond Caruana | 147669 (M) | 5, "Monrion", Triq il-Mandolina, Birżebbuġa |
| Roderick Borg | 213978 (M) | 7, "Ortensia", Triq il-Fjamma, Kappara, San Ġwann |
| Steve Joseph Saliba | 176082 (M) | 36, Triq il-Mitħna, Rabat, Għawdex |

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-8 ta' Awissu, 2003

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

8th August, 2003

**Nru. 703**


**TISMIJA TA' TOROQ F'GHAWDEX**

BIS-SAHHA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 22 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Ministru tal-Ġustizzja u Intern ordna li t-toroq speċifikati fl-ewwel kolonna ta' din l-iskeda għandhom jiġu msemmija mill-ġdid kif speċifikat fit-tieni kolonna ta' l-istess skeda msemmija.

**No. 703**

**NAMING OF STREETS IN GOZO**

IN exercise of the powers conferred by Section 22 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Minister for Justice and Home Affairs has directed that the streets specified in the first column of the subjoined schedule be renamed as specified in the second column of the schedule.




**FONTANA**

| | |
|---|---|
| Dak l-isqaq fi Triq Tal-Għajn immarkat bin-numru 1 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma ... | TRIQ TAL-GHAJN SQAQ NRU. 1 |
| Dak l-isqaq fi Triq Tal-Għajn immarkat bin-numru 2 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma ... | TRIQ TAL-GHAJN SQAQ NRU. 2 |
| Dak l-isqaq fi Triq Tal-Għajn immarkat bin-numru 3 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma ... | TRIQ TAL-GHAJN SQAQ NRU. 3 |

| | |
|---|---|
| Dak l-isqaq fi Triq Tal-Għajn immarkat bin-numru 4 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... .... | TRIQ TAL-GĦAJN<br>SQAQ NRU. 4 |
| Dak l-isqaq fi Triq tal-Għajn immarkat bin-numru 5 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... .... | TRIQ TAL-GĦAJN<br>SQAQ NRU. 5 |
| Dak l-isqaq fi Triq Tal-Għajn immarkat bin-numru 6 fuq il-mappa hawn riprodotta jissemma ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... .... | TRIQ TAL-GĦAJN<br>SQAQ NRU. 6 |
| Dik it-trejqa bejn Triq Tal-Għajn u Triq Ta' Mulejja mmarkat bin-numru 7 fuq il-mappa hawn riprodotta tissemma ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... .... | TREJQET<br>IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI |
| Dik it-trejqa fi Triq Santa Dminka li tagħti għal Wied Siekel tissemma ... ... ... | TREJQET IL-ĦARRUB |
| Dik id-daħla fejn il-Fontana Cottage Industry tissemma ... ... ... ... ... ... ... ... ... | DAĦLET IR-RAZZETT |

It-8 ta' Awissu, 2003

8th August, 2003

**Nru. 704**

**EMENDA**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,453 tal-5 ta' Awissu, 2003, in-Notifikazzjonijiet tal-Gvern bin-Nri. 670,671, 672 u 673 kellhom ikunu 690, 691, 692 u 693.

It-8 ta' Awissu, 2003

**No. 704**

**AMENDMENT**

IT is notified for general information that in the Government Gazette No. 17,453 of the 5th August, 2003, the Government Notices with the Nos. 670,671, 672 and 673 should have been 690, 691, 692 and 693.

8th August, 2003

**Nru. 705**

**ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET**
**(Kap. 296)**

**Avviż li hemm il-ħsieb li Titoli ta' Art jiġu Irreġistrati**

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:-

**No. 705**

**LAND REGISTRATION ACT**

**(Cap. 296)**

**Notice of Intention to Register Titles to Land**

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:-

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| Ghajnsielem | Korrezzjoni fuq LRA G 253/03 – Fond Nru 26 Triq fuq il-Ghajn drabi ohra maghrufa Pjazza tad-Dehra tal-kejl ta' 215m.k. peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata | Karkanja Limited | C 27062 | 442/03 Gozo |
| *Ghajnsielem* | *Correction on LRA G 253/03 – Premises no 26 in Triq Fuq il-Ghajn other times known as Pjazza tad-Dehra covering an area of 215s.m. as wrong application was submitted* | *Karkanja Limited* | *C 27062* | |
| Ghajnsielem | Korrezzjoni fuq LRA G 254/03 peress li l-applikazjoni kienet dahlet zbaljata | Karkanja Limited | C 27062 | 434/03 Gozo |
| *Ghajnsielem* | *Correction on LRA G 254/03 as wrong application was submitted* | *Karkanja Limited* | *C 27062* | |
| Ghajnsielem | Korrezzjoni fuq LRA (G) 186/02 fuq art Ghajnsielem peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata | Gvern ta' Malta | | 468/03 Gozo |
| *Ghajnsielem* | *Correction on LRA (G) 186/02 on land Ghajnsielem as wrong application was submitted* | *Government of Malta* | | |
| Ghajnsielem | Korrezzjoni fuq LRA (G) 186/02 fuq art Ghajnsielem peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata | Gvern ta' Malta | | 469/03 Gozo |
| *Ghajnsielem* | *Correction on LRA (G) 186/02 on land Ghajnsielem as wrong application was submitted* | *Government of Malta* | | |
| Gharb | Id-dirett dominju perpetwu Plot 23 mill-art msejha 'Tal-Wilga' Triq Kanonku Frangisk Mangion tal-kejl ta' 310m.k. | Gvern ta' Malta | | 391/03 Gozo |
| *Gharb* | *Perpetual Driectum Dominium of Plot 23 from land known as 'Tal-Wilga' in Kanonku Frangisk Mangion Street covering an area of 310s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Gharb | Dirett Dominju Perpetwu ta' Plot 83 'Tal-Wilga' fi Triq il-Vititazzjoni tal-kejl ta' 260m.k. | Gvern ta' Malta | | 394/03 Gozo |
| *Gharb* | *Perpetwual Directum Dominium of Plot 83 'Tal-Wilga' in Triq il-Vititazzjoni covering an area of 260s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Gharb | Art msejha 'Tal-Indirizzatura' tal-kejl ta' 3100m.k. | Gvern ta' Malta | | 401/03 Gozo |
| *Gharb* | *Land known as 'Tal-Indirizzatura' covering an area of 3100s.m.* | *Government of Malta* | | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| Gharb | Dirett Dominjum Perpetwu ta' Plot 19 'Tal-Wilgia' Triq il-Vitazzjoni tal-kejl ta' 220m.k. | Gvern ta' Malta | | 402/03 Gozo |
| *Gharb* | *Perpetual Directum Dominium of Plot 19 'Tal-Wilgia' in Triq il-Vitazzjoni covering an area of 220s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Gharb | Dirett Dominju Perpetwu ta' Plot 3 'Tal-Wilga' f'Church Street tal-kejl ta' 316m.k. | Gvern ta' Malta | | 400/03 Gozo |
| *Gharb* | *Perpetual directum dominium of Plot 3 'Tal-Wilga' in Church Street covering an area of 316s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Gharb | Id-Dirett dominju perpetwu ta' l-Art msejha 'Tal-Wilgia' fi Triq il-Vizitazzjoni tal-kejl ta' 276m.k. | Gvern ta' Malta | | 428/03 Gozo |
| *Gharb* | *Perpetual Directum Dominium of Land known as 'Tal-Wilgia' in Triq il-Vizitazzjoni covering an area of 276s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Gharb | Id-dirett Dominju Perpetwu ta' Plot 82 'Tal-Wilgia' fi Triq il-Vizitazzjoni tal-kejl ta' 278m.k. | Gvern ta' Malta | | 429/03 Gozo |
| *Gharb* | *Perpetual directum dominium of Plot 82 'Tal-Wilgia' in Triq il-Vizitazzjoni covering an area of 278s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Kercem | Korrezzjoni quq LRA G 150/02 fuq art fir-rabat, fl-Ghasri u f'Kercem peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbalajta | Gvern ta' Malta | | 472/03 Gozo |
| *Kercem* | *Correction on LRA G 150/02 on land in Victoria, Ghasri and Kercem as wrong application was submitted* | *Government of Malta* | | |
| Munxar | Plot 4 from the land known as 'Tal-Mejda' in Triq Ras il-Bajjada covering an area of 480s.m. | S4 Holdings Limited | | |
| *Munxar* | *Plot 4 mill-art 'Tal-Mejda' fi Triq Ras il-Bajjada tal-kejl ta' 480m.k.* | *S4 Holdings Limited* | | *425/03 Gozo* |
| Nadur | Raba' msejha 'Tal-Gebel l-Ahmar' Triq il-Madonna ta' Fatima | Buttigieg John u Buttigieg Maria | 50940G u 30741G | 406/03 Gozo |
| *Nadur* | *Land known as 'Tal-Gebel l-Ahmar' in Triq il-Madonna ta' Fatima* | *Buttigieg John u Buttigieg Maria* | *50940G u 30741G* | |
| Nadur | Art msejha 'Tat-Triq tax-Xatt' tal-kejl ta' 342.5m.k. | Falzon Rita | 62049G | 430/03 Gozo |
| *Nadur* | *Land known as 'Tat-Triq tax-Xatt' covering an area f 342.5s.m.* | *Falzon Rita* | *62049G* | |
| Nadur | Art msejha 'Ta' l-Imsajqfiet jew tal-Qortin' tal-kejl ta' 197m.k. | Theuma Noel u martu Theuma Isabelle | 121574M u 18676G | 431/03 Gozo |
| *Nadur* | *Land known as 'Ta' l-Imsajqfiet or tal-Qortin' covering an area of 197s.m.* | *Theuma Noel and his wife Theuma Isabelle* | *121574M and 18676G* | |
| Nadur | Djar bil-mandretta anessa mieghu fi Triq Saint Andrew | Attard Rita u Attard Coronato | | 433/03 Gozo |
| *Nadur* | *House with annexed yard in Saint Andrew Street* | *Attard Rita and Attard Coronato* | | |
| Nadur | Korrezzjoni fuq LRA 267/03- 1/36 u 1/24 indiviz ta' Fond 43 Triq ir-Ramla l-Hamra peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata | Sammut Francis et | 16350G | 455/03 Gozo |
| *Nadur* | *Correction on LRA 267/03 – 1/36 and 1/24 undivided part of Premises No 43 in Triq ir-Ramla as wrong application was submitted* | Sammut Francis et | 16350G | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| Nadur | Korrezzjoni fuq LRA 286/03 – 1/6 u ¼ indiviz ta' Fond Nru 43 Triq ir-Ramla l-Hamra peress li l-applikazzjoni kienet dhalet zbaljata | Doris Abela et | 21860G | 456/03 Gozo |
| *Nadur* | *Correction on LRA 286/03 – 1/6 and ¼ undivided share of Premises No 43 Triq ir-Ramla as wrong application was submitted* | *Doris Abela et* | *21860G* | |
| Nadur | Dar Nru 46 Triq Xjuf ir-Rih | Caruana Maria Theresa sive Marthese | 545961M | 481/03 Gozo |
| *Nadur* | *House No 46 Triq Xjuf ir-Rih* | *Caruana Maria Theresa sive Marthese* | *545961M* | |
| Nadur | Fond Nru 186 Triq San Blas bil-mandra annessa | Muscat Coronata | 60038G | 482/03 Gozo |
| *Nadur* | *Premises No 186 Triq San Blas with annexed yard* | *Muscat Coronata* | *60038G* | |
| Nadur | Porzjon diviza ta' art maghrufa bhala 'ta' Petletew' sive 'tax-Xaghri' tal-kejl ta' 200m.k. | Muscat Coronata | 60038G | 483/03 Gozo |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Ta' Petletew' sive 'Tax-Xaghri' covering an area of 200s.m.* | *Muscat Coronata* | *60038G* | |
| Nadur | Porzjon diviza ta' art maghrufa bhala 'ta' Petletew' sive 'tax-Xaghri' tal-kejl ta' 250m.k. | Muscat Coronata | 60038G | 484/03 Gozo |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'Ta' Petletew' sive 'Tax-Xaghri' covering an area of 250s.m.* | *Muscat Coronata* | *60038G* | |
| Nadur | Porzjon art msejha 'Ta' Rdum' tal-kejl ta' 250m.k. | Muscat Coronata | 60038G | 485/03 Gozo |
| *Nadur* | *Portion of land known as 'ta' Rdum' covering an area of 250s.m.* | *Muscat Coronata* | *60038G* | |
| Qala | Art msjeha 'Tal-Qortin'tal-kejl ta' 9311.89m.k. | Dingli Carmela et | 55331G | 412/03 Gozo |
| *Qala* | *Land known as 'Tal-Qortin' covering an area of 9311.89s.m.* | *Dingli Carmela et* | *55331G* | |
| Qala | Art msejha 'Tal-Qortin' tal-kejl ta' 4719.31m.k. | Gvern ta' Malta | | 413/03 Gozo |
| *Qala* | *Land known as 'Tal-Qortin' covering an area of 4719.31s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Qala | Art msejha 'Il-Qortin ta' Frabezz' tal-kejl ta' 1640m.k. | Curmi Salvu et | 31128G | 414/03 Gozo |
| *Qala* | *Land known as 'Il-Qortin ta' Frabezz' covering an area of 1640s.m.* | *Curmi Salvu et* | *31128G* | |
| Qala | Art msejha 'tal-Andar ix-Xaghri' tal-kejl ta' 810m.k. | Curmi Salvu et | 31128G | 415/03 Gozo |
| *Qala* | *Land known as 'Tal-Andar ix-Xaghri' covering an area of 810s.m.* | *Curmi Salvu et* | | |
| Qala | Art msejha 'Ta' Giemes' tal-kejl ta' 834m.k. | Curmi Salvu et | 31128G | 416/03 Gozo |
| *Qala* | *Land known as "Ta' Giemes" covering an area of 834m.k.* | *Curmi Salvu et* | *31128G* | |
| Qala | Art msejha 'Ta' Giemes' tal-kejl ta' 834m.k. | Curmi Joseph | 22644G | 417/03 Gozo |
| *Qala* | *Land known as 'Ta' Giemes' covering an area of 834s.m.* | *Curmi Joseph* | *22644G* | |
| Qala | Art msejha 'Ta' Cassar' tal-kejl ta' 1152m.k. | Curmi Salvu et | 31128G | 418/03 Gozo |
| *Qala* | *Land known as 'Ta' Cassar' covering an area of 1152s.m.* | *Curmi Salvu et* | *31128G* | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| Qala | Art msejha 'Taz-Zibeg' tal-kejl ta' 157m.k. | Curmi Salvu et | 31128G | 419/03 Gozo |
| *Qala* | *Land known as 'Taz-Zibeg' covering an area of 157s.m.* | *Curmi Salvu et* | *31128G* | |
| Qala | Art msejha 'Tal-Qortin' tal-kejl ta' 2,186m.k. | Curmi Joseph | 22644G | 420/03 Gozo |
| *Qala* | *Land known as 'Tal-Qortin' covering an area of 2,186s.m.* | *Curmi Joseph* | *22644G* | |
| Qala | Art msejha 'Il-Qortin ta' Frabezz' tal-kejl ta' 547m.k. | Curmi Joseph | 22644G | 421/03 Gozo |
| *Qala* | *Land known as 'Il-Qortin ta' Frabezz' covering an area of 547s.m.* | *Curmi Joseph* | *22644G* | |
| Qala | Art msejha 'Tas-Simar' tal-kejl ta' 80m.k. | Curmi Joseph | 22644G | 422/03 Gozo |
| *Qala* | *Land known as 'Tas-Simar' covering an area of 80s.m.* | *Curmi Joseph* | *22644G* | |
| Qala | Fond Nru 7 u 8 Triq San Frangisk tal-kejl ta' 279m.k. | Camilleri Giuseppa | 7533G | 475/03 Goz o |
| *Qala* | *Premises No 7 and 8 in Triq San Frangisk covering an area of 279s.m.* | *Camilleri Giuseppa* | *7533G* | |
| Qala | Korrezzjoni ta' LRA (G) 187/02 fuq art fil-Qala peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata | Gvern ta' Malta | | 467/03 Gozo |
| *Qala* | *Correction on LRA G 187/02 on land in Qala as wrong application was submitted* | *Government of Malta* | | |
| *Rabat, Ghawderex* | *Temporary directum dominium ta' Plot 28 'Tal-Wilga' in Kanonku Frangisk Mangion covering an area of 270s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Rabat, Ghawdex | Dirett Dominju Temporanju ta' Plot 34 'Tac-Cawla' fi Triq Guze Ellul Mercer tal-kejl ta'162m.k. | Gvern ta' Malta | | 398/03 Gozo |
| Rabat, Ghawdex | Id-dirett dominju temporanju ta' Plot 8 'Tac-Cawla' Triq Dr Anton Tabone tal-kejl ta' 137m.k. | Gvern ta' Malta | | 392/03 Gozo |
| *Rabat, Ghawdex* | *Temporary directum dominium of Plot 8 'Tac-Cawla' Dr Anton Tabone covering an area of 137s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Rabat, Ghawdex | Id-dirett dominju temporanju ta' Plot 28 'Tal-wilga' Triq Kanonku Frangisk Mangion tal-kejl ta' 270m.k. | Gvern ta' Malta | | 393/03 Gozo |
| Rabat, Ghawdex | Dirett Dominju Temporanju ta' Plot 26 u 27 'Tac-Cawla' fi Triq 31ta' Marzu tal-kejl ta' 315m.k. | Gvern ta' Malta | | 395/03 Gozo |
| *Rabat, Ghawdex* | *Temporary Directum Dominum of Plot 26 and 27 'Tac-Cawla' in 31st March Street covering an area of 315s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Rabat, Ghawdex | Dirett Dominju Temporanju ta' Plot 5 u 6 'Tac-Cawla' fi Triq Dr Anton Tabone tal-kejl ta' 293m.k. | Gvern ta' Malta | | 396/03 Gozo |
| *Rabat, Ghawdex* | *Temporary Directum Dominum of Plot 5 and 6 'Tac-Cawla' in Triq Dr Anton Tabone covering an area of 293s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Rabat, Ghawdex | Dirett Dominju Temporanju ta' Plot 17 u 18 'Tac-Cawla' fi Triq Guze Ellul Mercer tal-kejl ta' 188m.k. | Gvern ta' Malta | | 397/03 Gozo |
| *Rabat, Ghawdex* | *Temporary Directum Dominum of Plots 5 and 6 in Triq Guze Ellul Mercer covering an area of 188s.m.* | *Government of Malta* | | |

| Lokalità<br>*Locality* | Proprjetà<br>*Property* | Applikant<br>*Applicant* | Identifikazzjoni<br>*Identification* | LR-A<br>*LR-A* |
|---|---|---|---|---|
| Rabat, Ghawdex | Art tal-kejl ta' 171m.k. | Gvern ta' Malta | | 405/03 Gozo |
| *Rabat, Ghawdex* | *Land covering an area of 171s.m.* | *Government of Malta* | | |
| *Rabat, Ghawdex* | *Temporary directum Dominium of Plot 34 'Tac-Cawla' in Triq Guze Ellul Mercer covering an area of 162s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Rabat, Ghawdex | Dirett Dominju Temporanju ta' Plot 12 'Tac-Cawla' fi Triq Guze Ellul Mercer tal-kejl ta' 190m.k. | Gvern ta' Malta | | 399/03 Gozo |
| *Rabat, Ghawdex* | *Temporary Directum Dominum of Plot 12 'Tac-Cawla' in Triq Guze Ellul Mercer covering an area of 190s.m.* | Government of Malta | | |
| Rabat, Ghawdex | Id-Dirett Dominju Temporanju tal-Fond 2 u Garage 'Is-Sliem Triq 31st March tal-kejl ta' 344m.k. | Gvern ta' Malta | | 426/03 Gozo |
| *Rabat, Ghawdex* | *Temporary directum dominum of Tenement 2 and garage 'Is-Sliem' 31st March Street covering an area of 344s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Rabat, Ghawdex | Korrezzjoni fuq LRA (G) 165/02 fuq art fir-Rabat, Sannat, Xaghra u Xewkija peress li l-applikazzjoni kieent dahlet zbaljata | Gvern ta' Malta | | 470/03 Gozo |
| *Rabat, Ghawdex* | *Correction on LRA (G) 165/02 on land in Rabat, Sannat, Xaghra and Xewkija as wrong application was submitted* | *Government of Malta* | | |
| Sannat | Korrezzjoni fuq LRA (G) 155/02 fuq art f'Sannat peress li l-applikazzjoni kienet dahlet zbaljata | Gvern ta' Malta | | 471/03 Gozo |
| *Sannat* | *Correction on LRA G 155/02 on land in Sannat as wrong application was submitted* | *Government of Malta* | | |
| Xaghra | Art tal-kejl ta' 9m.k. | Gvern ta' Malta | | 437/03 Gozo |
| *Xaghra* | *Land covering an area of 9s.m.* | *Government of Malta* | | |
| Xlendi | Block C, Flat 12 Ulysses Village fi Triq ir-Rumani | Moby Dick Company Limited | C 2873 | 459/03 Gozo |
| *Xlendi* | *Block C Flat 12, Ulysses Village in Triq ir-Rumani* | *Moby Dick Company Limited* | *C 2873* | |
| Xlendi | Block C Flat 9 Ulysses Village fi Triq ir-Rumani | Moby Dick Company Limited | C 2873 | 460/93 Gozo |
| *Xlendi* | *Block C Flat 9 Ulysses Village in Triq ir-Rumani* | *Moby Dick Company Limited* | *C 2873* | |

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti prežentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, iċ-Ċentru Amministrattiv, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.30 p.m.

Dott. Marlin Vella, LL.D.
*għar-Reġistratur ta' l-Artijiet*

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, the Administration Centre, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.30 p.m.

Dr Marlin Vella, LL.D.
*For/Land Registry*

It-8 ta' Awissu, 2003 8th August, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 70**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija ser jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Il-Ħamrun**

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Awissu, 2003 mid-9.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Atoċia, id-Duka ta' Edinburgh, Anton Buttigieg, Vittorja, l-Għasafar, San Franġisk u G. Barbara.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Awissu, 2003 mis-6.00 p.m. sal-10.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Atoċia, San Franġisk, G. Barbara, Vittorja u d-Duka ta' Edinburgh.

**L-Imġarr**

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Awissu, 2003, mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Fisher, Sir Harry Luke, San Pawl, Dun Edgar Salamone u Wesgħat il-Ġublew.

Nhar il-Ħadd, is-17 ta' Awissu, 2003, mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, Vitale, San Pawl, Sir Harry Luke u Wesgħat il-Ġublew.

**Tas-Sliema**

Nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Awissu, 2003 mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt minn ħdejn l-iSquare Deal sat-Torri.

Nhar il-Ħamis, il-21 ta' Awissu, 2003 mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt minn ħdejn l-iSquare Deal sat-Torri.

Nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Awissu, 2003 mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt minn ħdejn l-iSquare Deal sat-Torri.

Nhar is-Sibt, it-23 ta' Awissu, 2003 mit-8.00 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt minn ħdejn l-iSquare Deal sat-Torri.

Nhar il-Ħadd, l-24 ta' Awissu, 2003 mill-10.00 a.m. sas-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: ix-Xatt minn ħdejn l-iSquare Deal sat-Torri.

POLICE NOTICE

**No. 70**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

**Ħamrun**

On Thursday, 14th August, 2003 from 9.00 p.m. to midnight through the following streets: Atoċia, id-Duka ta' Edinburgh, Anton Buttigieg, Vittorja, l-Għasafar, San Franġisk and G. Barbara.

On Friday, 15th August, 2003 from 6.00 p.m. to 10.30 p.m. through the following streets: Atoċia, San Franġisk, G. Barbara, Vittorja and id-Duka ta' Edinburgh.

**Mġarr**

On Saturday, 16th August, 2003 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: Fisher, Sir Harry Luke, San Pawl, Dun Edgar Salamone and Wesgħat il-Ġublew.

On Sunday, 17th August, 2003 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: il-Kbira, Vitale, San Pawl, Sir Harry Luke and Wesgħat il-Ġublew.

**Sliema**

On Wednesday, 20th August, 2003 from 8.00 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: ix-Xatt from near Square Deal till it-Torri.

On Thursday, 21st August, 2003 from 8.00 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: ix-Xatt from near Square Deal till it-Torri.

On Friday, 22nd August, 2003 from 8.00 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: ix-Xatt from near Square Deal till it-Torri.

On Saturday, 23rd August, 2003 from 8.00 p.m. till 11.30 p.m. through the following streets: ix-Xatt from near Square Deal till it-Torri.

On Sunday, 24th August, 2003 from 10.00 a.m. till 2.00 p.m. through the following streets: ix-Xatt from near Square Deal till it-Torri.

Nhar il-Ħadd, l-24 ta' Awissu, 2003 mis-7.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Kbira, San Vinċenz, ix-Xatt, it-Torri u l-Katidral.

Il-pubbliku ġenerali hu mitlub li jimxi mad-direzzjonijiet li jingħataw u ma' l-iskema l-ġdida tat-traffiku li se titħaddem matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

It-8 ta' Awissu, 2003

On Sunday, 24th August, 2003 from 7.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: il-Kbira, San Vinċenz, ix-Xatt, it-Torri and il-Katidral.

The general public is requested to follow directions given and new traffic scheme in operation during the said dates and times.

Public transport will be affected.

8th August, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 71**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bejn it-22 ta' Awissu, 2003 u l-24 ta' Awissu, 2003, bis-setgħat mogħtija ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku Kap. 65, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa żoni ta' rmonk kif indikat:

**Ħal Għargħur**

Nhar il-Ġimgħa, it-22 ta' Awissu, 2003 u l-Ħadd, l-24 ta' Awissu, 2003 mit-toroq li ġejjin: San Bartilmew u Misraħ il-Knisja.

Nhar il-Ħadd, l-24 ta' Awissu, 2003 mit-toroq li ġejjin: Misraħ il-Knisja, l-Oratorju, Vjal ir-Repubblika, Stiefnu Zerafa, San Ġwann u San Bartilmew.

It-8 ta' Awissu, 2003

POLICE NOTICE

**No. 71**

The Commissioner of Police hereby notifies that between 22nd August, 2003 and 24th August, 2003, in exercise of the powers confermed by article 52 (1) of the Ordinance Regulations of Traffic Cap. 65, the streets listed hereunder is to be classified as Tow Zone areas as indicated:

**Għargħur**

On Friday, 22nd August, 2003 and Sunday, 24th August, 2003 from the following streets: San Bartilmew and Misraħ il-Knisja.

On Sunday, 24th August, 2003 from the following streets: Misraħ il-Knisja, l-Oratorju, Vjal ir-Repubblika, Stiefnu Zerafa, San Ġwann and San Bartilmew.

8th August, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 72**

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Birkirkara**

Nhar is-Sibt, it-23 ta' Awissu, 2003 mis-6.00 a.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Santa Elena, il-Kbira, Brared, Anġlu Mallia, il-Wied, Santu Rokku, l-Imsida u n-Naxxar.

Nhar il-Ħadd, l-24 ta' Awissu, 2003 mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Santa Elena, Pjazza San Franġisk, San Kostantinu, Santu Rokku, il-Wied u l-Kbira.

Huwa pprojbit l-ipparkjar tal-vetturi fit-toroq imsemmija hawn fuq u vetturi misjuba pparkjati hemm, jiġu rmunkati.

It-8 ta' Awissu, 2003

POLICE NOTICE

**No. 72**

In virtue of section 52 (1) of the Code of Police Laws (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

**Birkirkara**

On Saturday, 23rd August, 2003 from 6.00 a.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Pjazza Santa Elena, il-Kbira, Brared, Anġlu Mallia, il-Wied, Santu Rokku, l-Imsida and Naxxar.

On Sunday, 24th August, 2003 from 4.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Pjazza Santa Elena, Pjazza San Franġisk, San Kostantinu, Santu Rokku, il-Wied and il-Kbira.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there, will be towed away.

8th August, 2003

INDIĊI TAL-PREZZIJIET BL-IMNUT

**L-Oġġetti Kollha (Diċembru 2002 = 100)**

| | **2003** |
|---|---|
| Jannar | 99.12 |
| Frar | 99.60 |
| Marzu | 100.36 |
| April | 100.40 |
| Mejju | 100.73 |
| Ġunju | 100.88 |

**Oġġetti li kkaġunaw l-aktar tibdil:–**

| *Oġġetti* | *Mejju 2003* | *Ġunju 2003* | *Effett fuq l-Indiċi* |
|---|---|---|---|
| **Ikel** | | | |
| Ħaxix | 114.24 | 96.24 | -0.18 |
| Frott frisk jew iffriżat | 120.19 | 114.64 | -0.08 |
| ***Housing*** | | | |
| Diversi xogħlijiet ta' kostruzzjoni | 100.90 | 108.85 | 0.31 |

It-8 ta' Awissu, 2003

RETAIL PRICES INDEX

**All Items (Decembru 2002 = 100)**

| | **2003** |
|---|---|
| January | 99.12 |
| February | 99.60 |
| March | 100.36 |
| April | 100.40 |
| May | 100.73 |
| June | 100.88 |

**Items causing most change:–**

| *Items* | *May 2003* | *June 2003* | *Effect on Index* |
|---|---|---|---|
| **Food** | | | |
| Vegetables | 114.24 | 96.24 | -0.18 |
| Fruits, fresh or chilled | 120.19 | 114.64 | -0.08 |
| **Housing** | | | |
| Various construction works | 100.90 | 108.85 | 0.31 |

8th August, 2003

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

***Grant għal Taħriġ ta' Wara l-Gradwazzjoni***

**Dipartiment tal-Mikroelettronika**

L-Università qed toffri żewġ *grants* għal taħriġ ta' wara l-gradwazzjoni fil-qasam ta' *Integrated Circuit design*. Min ikun maħtur ikun mistenni li jmexxi riċerka fuq bażi *full-time* fid-Dipartiment tal-Mikroelettronika u kif ikun meħtieġ mill-Università. Il-*grant* ikun offrut għal perjodu ta' sena, suġġett għall-progress pożittiv. Min jinħatar jingħata opportunità li jagħmel grad fl-M.Phil fl-oqsma msemmija ta' l-istudji.

UNIVERSITY OF MALTA

**Postgraduate Training Grant**

**Department of Microelectronics**

The University is offering two Postgraduate Training Grants in the area of Integrated Circuit and Microsystem Design. The successful candidate will be required to conduct research on a full-time basis in the Department of Microelectronics and as may be required by the University. Each grant will be offered for a period of one year subject to sustained positive progress. The candidate will be expected and be given the opportunity to read for an M.Phil degree in the named area of studies.

2. L-applikanti jrid ikollhom grad tajjeb fl-*Electrical Engineering*, b'esperjenza ta' *Integrated Circuit design,* u preferibbilment esperjenza fir-riċerka.

3. Il-*grant* marbut ma' dan il-post huwa ta' Lm3,600 fis-sena.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, u kopja waħda taċ-ċertifikati lid-Direttur tar-Riżorsi Umani, Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi, l-Università ta' Malta, l-Imsida MSD 06. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sa nofsinhar tal-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2003. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, Kamra 216, Uffiċċji Amministrattivi jew mingħand il-Prof. Joseph Micallef fid-Dipartiment tal-Mikroelettronika, tel: 2340 2513, *email:* jjmica@eng.um.edu.mt.

It-8 ta' Awissu, 2003

2. Applicants should have a good first degree in Electrical Engineering, with knowledge of Integrated Circuit Design, and preferably research experience.

3. The post carries a training grant of Lm3,600 per year.

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to The Director of Human Resources, Office of Human Resources, Room 216, Administration Building, University of Malta, Msida MSD 06. Applications should be received by noon of Friday, 5th September, 2003. Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office of Human Resources, Room 216, Administration Building or from Prof. Joseph Micallef at the Department of Microelectronics, tel: 2340 2513, email: jjmica@eng.um.edu.mt.

8th August, 2003

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

**Riżultati ta' l-Intervisti għall-Postijiet fid-Diviżjoni tas-Saħħa**

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati għall-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:

Uffiċjal Tekniku Anzjan *(Mechanical Workshop,* Sptar San Luqa)

Assistent Uffiċjal Tekniku (Elettriku)

*Tradesman/ Tradesman* Anzjan *(Engine Driver)*

It-8 ta' Awissu, 2003

DEPARTMENT OF HEALTH

**Results of Interviews for Posts in the Health Division**

The Director General notifies that the results of the interviews for the undermentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:

Senior Technical Officer (Mechanical Workshop, St. Luke's Hospital)

Assistant Technical Officer (Electrical)

Tradesman/Senior Tradesman (Engine Driver)

8th August, 2003

MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI

**Riżultat ta' l-Intervista għall-Post ta' *Executive Secretary* tal-Programm ta' l-Unjoni Ewropea Leonardo da Vinci**

Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi r-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* prinċipali fit-Taqsima tal-*Customer Care,* Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana u fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-8 ta' Awissu, 2003

MINISTRY OF EDUCATION

**Result of Interview for the Post of Executive Secretary for EU Leonardo da Vinci Programme**

The Ministry of Education notifies that the result of the interview for the above mentioned post has been published and can be seen on the main notice-board at the Customer Care Section, Education Division, Floriana and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

8th August, 2003

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

**Eżami għall-Ingaġġ ta' Uffiċjali Kadetti fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) - 2003**

**It-Tieni Parti - *Educational Assessment Process***

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf illi l-avviż ta' l-Eżami hawn fuq imsemmi ntbagħat lill-kandidati konċernati.

Dawk il-kandidati li ma rċivewx l-avviż ta' l-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana.

It-8 ta' Awissu, 2003

EXAMINATIONS DEPARTMENT

**Examination for the Engagement of Official Cadets in the Armed Forces of Malta (Regular Force) - 2003**

**The Second Part - Educational Assessment Process**

The Acting Director of Examinations notifies that the notice for the above mentioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have not received the notice for the examination are requested to contact the Examinations Department, Floriana, immediately.

8th August, 2003

PROĠETT GĦAR-RIJABILITAZZJONI TAL-BELT VALLETTA U FLORIANA

Il-Proġett għar-Rijabilitazzjoni tal-Belt Valetta u Floriana jgħarraf illi:

a. Pjazza San Ġorġ (jew Misraħ il-Palazz), se tkun magħluqa bejn il-Ħadd, is-17 ta' Awissu, 2003 u l-Ħadd, l-24 ta' Awissu, 2003. Ma jistax isir ipparkjar jew użu tal-pjazza f'dan iż-żmien.

b. Il-parti ta' fuq tal-Ġnien tal-Barrakka ta' Fuq, Valletta se tkun magħluqa bejn l-1 ta' Novembru, 2003 u l-31 ta' April, 2004. Il-parti tal-ġnien magħrufa bħala *Saluting Battery* se tibqa' miftuħa għall-pubbliku.

It-8 ta' Awissu, 2003

VALLETTA AND FLORIANA REHABILITATION PROJECT

The Valletta and Floriana Rehabilitation Project notifies that:

